**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 3 t'Ottubru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Jason Falzon**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Jason Falzon, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 299681M** gie akkuzat talli nhar it-18 ta' Gunju 2018 ghall-habta tat-08:30 ta' filghaxija gewwa fond bl-indirzz 93, Jonlu, Triq San Guzepp, il-Pieta:

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, u cioe, griehi/feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' David John Vella u dan skond ma ccertfikat Dr. Stephanie Galea MD (Reg. No.3974) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana u/jew diversi tobba ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 214,215 u 216 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ingurjajt heddidt lil David John Vella jew jekk kont ipprovokat, ingurjajt b'xi mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispjjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 553 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta ta' David John Vella, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza u l-familja tieghu ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' malta.

Semghet lill-ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat **Jason Falzon** fl-udjenza tal-lum stess anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni.

Semghet sottomissjonijiet in tema ta' piena u jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset l-atti ta' din il-kawza partikolarment l-isqarrija tieghu, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra:

1. l-fattur tal-ammissjoni bikrija tal-imputa;
2. il-fatt li huwa mizzewweg lill oht David Vella, il-vittma f'dan il-kaz;
3. il-fatt li David Vella hafer u qal li li kieku setgha jirtira l-azzjoni kriminali, huwa kien jaghmel hekk;
4. il-fatt li dan kien incident frivolu u uniku;

5. il-fatt li il-fedina penali tal-imputat hija wahda nettissima;

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena jew sanzjoni li l-Qorti sejra tinfliggi.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` Jason Falzon, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Konkluzjoni;**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 216 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Jason Falzon** hati fuq ammissjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kif dedotti u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` 3 snin mill-lum u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat fi kliem car u li jinfthiem lill-imputat it-tifsira u r-responsabbiltajiet naxxenti minn din l-ordni.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur